VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,506, 1 ta' Diċembru, 2015
Taqsima A

MALTA

ATT Nru XXXV tal-2015

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex jemenda l-Att dwar l-Awtorità għat-Transport f'Malta, Kap. 499.

ACT No. XXXV of 2015

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to amend the Authority for Transport in Malta Act, Cap. 499.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) **DOLORES CRISTINA**
Aġent President

1 ta' Diċembru, 2015

ATT Nru XXXV tal-2015

ATT biex jemenda l-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta, Kap. 499.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħarġet b'liġi dan li ġej:-

Titolu fil-qosor.

1. It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att huwa l-Att tal-2015 li jemenda l-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta, u dan l-Att għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali". Kap. 499.

Emenda tal-artikolu 2 tal-Att prinċipali.

2. L-artikolu 2 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minnufih wara t-tifsira "triq" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "trasport stradali" tfisser il-ġarr ta' passiġġieri jew merkanzija fuq l-art;"; u

(b) it-tifsira ta' "vettura" għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

" "vettura" tinkludi kull vettura bil-mutur, karru, karrozzin, karrettun, biċikletta, ċikletta bil-mutur, *trailer*, *semi-trailer*, vettura mgħaqqda, tren tat-triq, vaguni tal-ferrovija, *bus* mgħaqqda, jew mezzi oħra ta' transport stradali għall-ġarr ta' passiġġieri jew ġarr ta' merkanzija;".

VERŻJONI ELETTRONIKA

Emenda tal-artikolu 7 tal-Att prinċipali.

3. Fl-artikolu 7 tal-Att prinċipali minflok il-kliem "l-Awtorità għandu jkollha s-setgħat u l-funzjonijiet li ġejjin speċifikament b'konnessjoni mat-toroq u t-trasport stradali" għandhom jidħlu l-kliem "l-Awtorità għandu jkollha s-setgħat u l-funzjonijiet li ġejjin speċifikament b'konnessjoni mat-toroq u ferroviji u t-trasport stradali u bil-ferrovija".

Emenda tal-artikolu 43 tal-Att prinċipali.

4. Fis-subartikolu (1) tal-artikolu 43 tal-Att prinċipali minflok il-kliem "b'rabta ma' xi materja li għandha x'taqsam mat-trasport stradali, bil-baħar jew bl-ajru" għandhom jidħlu l-kliem "b'rabta ma' xi materja li għandha x'taqsam mat-trasport stradali, bil-ferrovija, bil-baħar jew bl-ajru".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 329 tal-20 ta' Novembru, 2015.

ANĠLU FARRUGIA
Speaker

RAYMOND SCICLUNA
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati